# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 21 ta' Marzu 2022**

**Rikors Numru : 100/2021 JPG**

**Kawza Numru : 26**

**BF**

**Vs**

**GF**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' BF datat 10 ta' Marzu 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-kontendenti zzewwgu fit-18 ta' Mejju, 1986, kif jidher mic*-certifikat taz-zwieg *hawn mehmuz u immarkat bhala 'Dokument A';*

2. *Illi mill-istess unjoni twieldu tlett itfal, JF f'X, CF f'Y, u KF f'Z, ilkoll illum adulti.*

3. *Illi l-kundizzjonijiet mehtiega ghad-divorzju elenkati fl-Art 66B u 66D tal-Kap 16 huma sodisfatti stante:*

4. *Illi l-partijiet isseparaw legalment fit-3 ta' Lulju, 2009 wara li lahqu fehim bejniethom ghal separazzjoni bonarja fejn kwistjonijiet ta' access, kustodja u manteniment tat-tfal kif ukoll kwisjonijiet relatati mas-separazzjoni tal-beni tal-partijiet gew indirizzati, hekk kif jidher mill-att ippubblikat min-Nutar Dr. Patricia Vella Haber, kopja awtentika ta' liema kuntratt qieghda tigi hawn mehmuza u mmarkata bhala 'Dokument B';*

5. *Illi l-partijiet ghadhom sa llum il-gurnata ma rrikonciljawx bejniethom u ma hemm l-ebda tama jew prospett ta' rikonciljazzjoni fil-futur; illi r-ragel sostanzjalment osserva l-obbligi tieghu tul dan il-perjodu, u ghalhekk ma ghandux ikun hemm ostaklu ghal ghoti tad-divorzju.*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, ir-rikorrent qieghed umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex skond dawk il-kundizzjonijiet li jidhrulha xierqa u opportune, joghgobha:*

*(i) Tiddikjara z-zwieg ta' bejn il-partijiet, li sehh fit-18 ta' Mejju, 1986, bhala zwieg mahlul (divorzju) ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi; (Art 66A(1), Kap 16)*

*(ii) Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien hekk prefiss minn din l-Onorabbli Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku. (Art. 66A(4), Kap. 16)*

*(iii) Tawtorizza lir-rikorrenti li tirritorna ghal kunjomha ta' xebba 'G'.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' GF datata 26 ta' Novembru 2021, a fol 15 li taqra hekk:

1. *Illi hu jaqbel l-kontendenti zzewgu fit-18 ta' Mejju 1986, kif jidher mic-certifikat taz-zwieg mehmuz.*

2. *Illi hu jaqbel mill-istess unjoni twieldu tlett ifal, JF f'X , CF f'Y u KF f'Z ilkoll illum adulti.*

3. *Illi hu jaqbel li l-kundizzjonijiet mehtiega ghad-divorzju elenkati fl-Art 66B u 66D tal-Kap 16 huma sodisfatti stante:*

4. *Illi l-partijiet isseparaw legalment fit-3 ta' Lulju, 2009 wara li lahqu fehim bejniethom ghal separazzjni bonarja fejn kwistjonijiet ta' access, kustodja u manteniment tat-tfal kif ukoll kwisjonijiet relatati mas-separazzjoni tal-beni tal-partijiet gew indirizzati, hekk kif jidher mill-att ippubblikat min-Nutar Dr. Patricia Vella Haber,*

5. *Illi bejn il-parijiet ma hemm l-ebda tama jew prospett ta' rikonciljazzjoni fil-futur;*

6. *Illi ghalhekk huwa ma jopponix ghad-divorzju kif mitlub.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota tal-attrici datata 30 ta' April 2021, li permezz taghha stiednet lill-Qorti sabiex tghaddi ghall-gudizzju finali; (vide fol 13);

Rat illi Dr Brincat ghall-intimat iddikjara seduta stante illi jaqbel mat-talbiet tad-divorzju u li ma kellux aktar provi x'jipproduci u stieden il-Qorti tghaddi ghas-sentenza; (vide fol 17);

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**BF xehdet** (vide affidavit fol 9) illi l-kontendenti zzewgu nhar it-18 ta' Mejju 1986 u li minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal, illum adulti. Sostnet illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ippubblikat minn Nutar Dr Patricia Haber nhar it-3 ta' Lulju 2009. Iddikjarat illi ma ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni u lanqas ma hemm arretrati ta manteniment stante illi l-intimat dejjem osserva l-obbligi tieghu.

**GF** xehed (vide affidavit fol 19) u kkonferma u kkorrobora dak li xehdet l-attrici.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***

*66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:*

*Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew*

*(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u*

*(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*

*Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.*

**Ikkonsidrat:**

Il-kontendenti kkonfermaw bil-gurament li huma kienu zzewgu nhar it-18 ta' Mejju 1986, liema zwieg igib certifikat numru 697/1986 (Vide certifikat taz-zwieg fol 3). Minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal, illum maggorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Patricia Haber nhar it-3 ta' Lulju 2009 (vide Dok B fol 4 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 697/1986 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku. Di piu', tawtorizza lill-attrici sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha, u cioe' 'G', u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jiehu l-azzjoni mehtiega.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**